MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2334/2002

**Charles Darmanin & Co, Limited**

**vs**

**Simon Borg bhala gestitur ta'  The Food Shop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax il-lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm414.44) rapprezentanti import ta' prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut skond ma' jirrizulta minn prospett datat !0 ta' Settembru 2002 (Dok. A) rilaxxjat mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 1943/02 JVA tat-13 ta' Settembru 2002 u bl-imghax

kummercjali mid-data tal-hrug tal-fattura relattiva sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Josette Attard in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbatax il-lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm414.44), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 1943/02 JVA tat-13 ta' Settembru 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**